**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju, 2024**

**Talba Nru: 97/2023MD**

**Vodafone Malta Limited Illum Epic Communications Limited (C 10865)**

**Vs**

**Patricia Azzopardi (110970M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-23 ta' Marzu, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenuta tħallas is-somma ta' elfejn, tlett mija, u żewġ Ewro u tlieta u disgħin ċenteżimu (€2,302.93) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet bin-numri 1.11057017 u 1.11060365 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta; bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 2747/2021, u l-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata bl-Avviż, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi, u lanqas ma dehret għas-seduti tat-30 ta' Mejju, 2024[2], u tal-10 ta' Ġunju, 2024[3].

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 23 tal-proċess.
[3] A fol 25 tal-proċess.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2024[4] u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi għalih għas-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2024[5].

Ra x-xhieda tal-PL Petra Licari li kkonfermat li l-ammont ta' elfejn, tlett mija, u żewġ Ewro u tlieta u disgħin ċenteżimu (€2,302.93) għadu dovut u ilu dovut mil-1 ta' Mejju, 2021[6].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tistħoqq li tkun emmnuta u għalhekk għandha tittieħed bħala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirriżulta kkonfermata wkoll mill-fattura annessa mal-istess avviż li jindika l-bilanċ dovut għal-servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet numru 1.11057017 u 1.11060365 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta, kif ukoll mill-affidavit ta' Dr. Jeremy Debono in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi, u mix-xhieda tal-PL Petra Licari in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi jilqa' t-talbiet attrici billi jordna u jikkundanna lil konvenuta tħallas is-somma ta' elfejn, tlett mija, u żewġ Ewro u tlieta u disgħin ċenteżimu (€2,302.93) rappreżentanti servizzi reżi ta' telefonija ċellulari bil-kontijiet bin-numri 1.11057017 u 1.11060365 fuq talba u a benefiċċju tal-konvenuta, bl-imgħax dekorribbli mil-1 ta' Mejju, 2021[7] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 2747/2021 jitħallsu unikament mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[4] *A fol* 24 tal-proċess.
[5] *A fol* 25 tal-proċess.
[6] *A fol* 25 tal-proċess, xhieda datata 10 ta' Ġunju, 2024.
[7] Data skont il-fatturi annessi mat-talba, *a fol* 7 *et seq* tal-proċess u mix-xhieda tal-PL Petra Licari, *a fol* 25 tal-proċess.